# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 307/11/1 MCH**

**Paradise Bay Maritime Limited (C 44234) u Island Bunker Oils Limited (C 29787)**

**v.**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat li ressqu s-socjetajiet atturi fil-25 ta' Marzu, 2011 li jaqra hekk:

> "1. Peress illi fil-12 ta' Jannar 2011 waqt li l-bastiment *MT Paradise Bay*, proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti Paradise Bay Maritime Limited u operat mis-socjeta` rikorrenti Iskland Bunker Oils Limited, kien marbut mal-moll Flagstone Wharf (maghruf ukoll bhala Menqa Outer) fil-Port il-Kbir l-istess bastiment gie bburdjat

minn ufficjali tad-dwana li hadu xi "*samples*" ta' zejt minn xi tankijiet tal-imsemmi bastiment.

2. Peress illi l-bastiment *MT Paradise Bay* gie maqbud mill-Kontrollur tad-Dwana.

3. Peress illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar 2011, giet mahruga nota ta' Qbid Nurmu 15/2011 kontra id-diretturi tas-socjetajiet rikorrenti mill-Kontrollur tad-Dwana fejn gie allegat illi l-bastiment *MT Paradise Bay* kien involut fil-ksur tal-Artikkoli 17(2) u (3) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Peress illi l-Kontrollur tad-Dwana ordna lis-socjetajiet rikorrenti sabiex jiddepositaw l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (25,000 €) bhala garanzija ai termini ta Artikolu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Peress illi dana l-ammont ta' Euro 25,000 gie debitament iddepositat mis-socjetajiet rikorrenti mall-Kontrollur tad-Dwana.

6. Peress illi m'hemm l-ebda provi li jissosstanzjaw l-allegazzjonijiet imressqa mill-Kontrollur tad-Dwana li l-bastiment *MT Paradise Bay* u/jew is-socjetajiet rikorrenti b'xi mod agixxew bi ksur tal-Artikoli 17(2) u (3) tal-Kap 382.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara ill ma kien hemm l-ebda ksur tar-regolamenti taht l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta minn naha tal-bastiment *MT Paradise Bay* u/jew is-socjetajiet rikorrenti.

2. Tiddikjara illi l-qbid tal-bastiment *MT Paradise Bay* mill-Kontrollur tad-Dwana kien infondat fil-fatt u fid-dritt u li l-bastiment *MT Paradise Bay* qatt ma kellu jigi maqbud mill-Kontrollur tad-Dwana.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jirrimborsa lis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmi depozitu ta' €25,000.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu esposti, eccepixxa:

"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(1) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:

Illi permezz tan-Nota ta' Qbid numru 15/2011 datata 29 ta' Jannar 2011, l-esponent qabad il-bastiment *MT Paradise Bay* bin-numru ufficcjali 290. Irrizulta mir-*recordings* tal-*Vessel Traffic Service (VTS)* u tal-Forzi Armati li fil-11 ta' Jannar 2011 filghaxija l-lanca *FT Rosnik* avvicinat il-bastiment *MT Paradise Bay* ghal perjodu kontinwu ta' madwar sieghu u, minghajr ma kellu l-awtorizzazzjoni necessarja mill-awtoritajiet kompetenti, mar f'zona rizervata ghall-attivitajiet ta' *bunkering* u ittrasferixxa *gasoil* mill-bastiment *MT Paradise Bay* ghal fuq il-lanca *FT Rosnik* bi ksur tal-Paragrafu 34(a) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 li jistipula car li kellha ssir talba bil-miktub *ad hoc* fuq il-formula maghrufa bhala *Stores Authority (STA1)* u *Statement to the Customs Authority (SCA1)* lill-esponent kemm mill-bastiment *MT Paradise Bay* kif ukoll mill-lanca *FT Rosnik* ghal provvista ta' *gasoil* kemm *duty-free* kif ukoll *duty paid*.

Illi mic-cirkostanzi tal-kaz jidher li l-bastiment *MT Paradise Bay* fornixxa lil lanca *FT Rosnik* bil-*gasoil duty free* minghajr ma kellu fil-pussess tieghu d-debita awtorirzzazzjoni ta' l-esponent bil-miktub kif spjegat aktar il-fuq.

Illi meta l-lanca *FT Rosnik* dahlet il-Port il-Kbir, il-kaptan tal-lanca u wiehed mis-sidien taghha Andrew Debono, innegaw kategorikament li b'xi mod avvicinaw lill-bastiment *MT Paradise Bay* u li ghabbew jew hattew xi *gasoil* mill-bastiment *MT Paradise Bay.* Jirrizulta li anke l-kaptan ta' l-*MT Paradise Bay* innega kategorikament li avvicina lill-lanca *FT Rosnik* u li sar xi zbark ta' *gasoil.*

Inoltre, minn spezzjoni li saret mill-Ufficcjali tad-Dwana u mill-Pulizija gew elevati xi kampjuni ta' *gasoil* minn diversi tankijiet tal-*fuel* abbord il-lanca *FT Rosnik,* u mir-rizultati ta' l-analizi maghmul mill-analista tad-Dwana, irrizulta li l-kampjuni mehuda minn fuq l-*FT Rosnik* u l-*MT Paradise Bay* kienu kwazi identici fir-rigward tan-*national marker* u tas-*solvent yellow 124* li huma *markers* fiskali, fejn dan il-*marker* maghruf bhala *solvent yellow 124* jindika jekk il-*gasoil* hux *duty-free* jew le. Ghalhekk, dan ifisser li l-*gasoil* in kwistjoni ma thallasx dazju ta' Sisa u VAT fuqu. Irrizulta ukoll li l-kampjuni analizzati mill-kumpannija Saybolt mehudin minn fuq il-*FT Rosnik,* kif ukoll minn fuq *MT Paradise Bay*, irrizultaw prattikament identici.

Illi ghalhekk huwa car li dawn il-fatti jiksru l-provvediemnti tal-Kap 382 (l-Att dwar Dazju tas-Sisa).

Illi ghalhekk l-ufficcjali tad-Dwana ipprocedew bin-Nota ta' Qbid numru 15/2011 ai termii ta' l-Artikolu 17 ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap 382).

(2) Illi fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni talba kif dedotti fir-rikors promotur, l-esponent jirribatti li l-bastiment *MT Paradise Bay* kiser id-disposizzjonijiet tal-Kap 382 meta kien uzat ghall-izbark ta' *gasoil* li kien *duty free*, kif gie spjegat aktar 'l fuq, u ghalhekk kien soggett ghall-konfiska peress li ma ntalbitx id-debita awtorizzazzjoni lill-awtorita tad-Dwana bil-miktub, cioe` *Stores Authority (STA1)* u *Statement to the Customs Authority (SCA1),* u dan sabiex il-bastiment *MT Paradise Bay* jghaddi l-*gasoil* lill-lanca *FT Rosnik.* Dan sar bi ksur tal-provvedimenti tal-Paragrafu 34 tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda abbinat ma' l-Artikolu 17 tal-Kap 382.

(3) Illi fir-rigward tat-tielet talba tas-socjetajiet rikorrenti, l-esponent jirribatti li huwa talab depozitu fl-ammont ta' (€25,000.00) hamsa u ghoxrin elf Ewro in ottemperanza ma' l-Artikolu 17(3) tal-Kap 382 u l-istess depozitu isir b'kawtela tad-decizjoni finali li tinghata mill-Qorti.

(4) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti jirrizulta li l-esponent dejjem ottempera ruhu mal-ligi u l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li l-bastiment MT Paradise Bay qatt ma kellu jigi maqbud permezz tan-Nota ta' Qbid ma jregix. Inoltre, l-esponent jirribatti li ma jistax jigi mizmum responsabbli ghal xi danni kif jipprovdi l-Artikolu 17(4) tal-Kap 382.

(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tas-socjetajiet rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez."

3. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru, 2017 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"filwaqt illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, b'dana illi tiddikjara illi ma kien hemm l-ebda ksur tar-regolamenti taht l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta da parti tal-bastiment MT Paradise Bay u/jew is-socjetajiet rikorrenti.

Tordna lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex jirrimborsa lis-socjetajiet rikorrenti l-imsemmi depozitu ta' €25,000.

Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-intimat."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-kawza in ezami titratta talba da parti tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara li ma kien hemm ebda ksur da parti taghhom jew da parti tal-bastiment *MT Paradise Bay* tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar id-Dazju tas-Sisa); tiddikjara li l-qbid tal-bastiment *MT Paradise Bay* mill-intimat kien infondat; tordna r-rilaxx tad-depozitu tas-somma ta' €25,000 favur is-socjetajiet rikorrenti. Bazikament qeghda tigi attakkata n-nota ta' qbid li ggib referenza 15/2011 (Dok. KD a fol. 13 tal-process) mahruga mill-intimat fuq is-somma ta'€25,000, li tirraprezenta l-bastiment *MT Paradise Bay*.

Mill-provi in atti jirrizulta illi s-socjetà rikorrenti Paradise Bay Maritime Limited hija sid il-bastiment *MT Paradise Bay,* filwaqt li s-socjetà rikorrenti l-ohra, Island Bunker Oils Limited topera l-istess bastiment. Ix-xhud Daniel Attard (affidavit esebit bhala Dok. PD1 a fol. 35 tal-process), *Operations Coordinator* fi hdan Island Bunker Oils Limited, jispjega li l-bastiment *Paradise Bay* dakinhar tal-11 ta' Jannar, 2011, kellu l-permess ta' Trasport Malta sabiex jaghmel *bunkering* lil CMA CGM Faust sal-10 ta' filghaxija u konsegwentement jibqa' fl-istess arja ta' bunkering (ara wkoll ix-xhieda ta' Anthony Mangion ghan-nom ta' Trasport Malta a fol. 440 tal-process 180/2011). Wara din l-attivita, l-bastiment *Paradise Bay* ma setax jidhol lura mal-moll li kien disinjat li jidhol mieghu peress li kien hemm il-bastiment tal-istess socjeta *Balluta Bay* li kienet qeghda tiehu l-fuel mill-MOBC u li sussegwentement kellha taghti l-fuel lill-vapur Karol Woyjtyla (ara Dok. DA02(01) a fol. 38 tal-process). Ghalhekk gie deciz li l-bastiment *Paradise Bay* inizzel l-ankra dak il-lejl fil-post fejn kien f'*bunkering area 4.* Jispjega li ma kienx jaghmel sens mill-aspett logistiku li l-bastiment *Paradise Bay* jitlaq minn Delimara, imur lejn *bunkering area* 1 vicin il-bajja tal-Armier, sabiex jerga lura fil-port ta' Valletta l-ghada filghodu. Bid-decizjoni li *Paradise Bay* jibqa' f'*bunkering area 4,* gie ffrankat il-*fuel* u fl-istess waqt l-ekwipagg kellu aktar hin ta' mistrieh u dan fl-interess tas-sigurtà.

Din ix-xhieda tinsab ikkonfermata minn dik tal-kaptan tal-bastiment *Paradise Bay*, Anatoliy Semenov, li kien impjegat bhala kaptan tal-istess bastiment bejn l-1 ta' Ottubru, 2010 u t-28 ta' Jannar, 2011. Jghid ukoll li wara li nizlu l-ankra f'xi d-9.30 ta' filghaxija, dahal jistrieh u halla f'idejn id-Deck Officer. Meta mar lura jaqdi id-dmirijiet tieghu l-ghada filghodu fis-6am, hadd ma rraportalu dwar l-avvicinament tal-lanca Rosnik ghall-bastiment li kien qieghed jiehu hsieb, hlief meta gie nterrogat mill-ufficjali tad-dwana u tal-pulizija. Jikkonferma li bejn il-5.30 ta' filghodu tal-11 ta' Jannar, 2011 u s-2.30 ta' wara nofsinhar tal-ghada 12 ta' Jannar, 2011, il-bastiment tieghu kien issuplixxa 1500 MT ta' *Heavy Fuel Oil* lill-vapur CMA CGM Faust, u li tul dan il-perjodu *Paradise Bay* ma ssuplixxa lil ebda bastiment iehor b' *gas oil.*

Dan kollu jinsab korroborat bix-xhieda dettaljata ta' Gordon Ghirxi (ara affidavit esebit bhala Dok. PD3 a fol. 40 tal-process), supretendent impjegat mil-istess socjeta rikorrenti, li jispjega li minhabba d-daqs tal-bastiment *Paradise Bay* huwa difficli li dan jghabbi *gas oil* direttament

mill-hazna tal-Enemalta. Konsegwentement, f'dan il-kaz il-*gas oil* li kien hemm abbord *Paradise Bay* dakinhar tal-11 ta' Jannar, 2011, origina mill-bastiment *Mistra Bay* li ttrasferixxa 105.773MT ta' *gas oil* lill-*Paradise Bay*. Minn dan l-ammont sar trasferiment intern fit-tankijiet ta' *Paradise Bay* l-ewwel ta' 40.352 MT ghall-konsum tal-istess bastiment u sussegwentement gew trasferiti wkoll 2.896 MT ghall-iskop ta' *blending.* Dan halla bilanc ta' 62.526 MT *gas oil* fit-tank ta' *Paradise Bay* (ara Tabella numru 2 a fol. 44 tal-process). Dawn il-figuri jinsabu minuzjosament elenkati kemm fl-Engine Log (a fol. 63 tal-process), kemm f'dokumenti ohra kompilati mill-impjegati tar-rikorrenti (ara Stock Position a fol. 55 u 56 tal-process, kif ukoll Delivery Note a fol. 65 tal-process**)**, kif ukoll mid-ditta Saybolt (a fol. 45 *et seq.* tal-process, kif ukoll ix-xhieda ta' Sandro Fenech, *quantity surveyor* indipendenti ma' Saybolt Malta Limited), hekk kif inkarigata mill-istess rikorrenti. L-attivita ta' Paradise Bay tul il-gurnata tal-11 ta' Jannar, 2011, tinsab ukoll indikata fil-kopji ta' estratti mil-*log book* tal-istess bastiment *Paradise Bay* (a fol. 68 u 69 tal-process). L-istess xhud jishaq li l-uniku caqliq ta' *gas oil* fuq il-bastiment *Paradise Bay* tul dik il-gurnata, kien wiehed intern, filwaqt li l-uniku *bunkering* li sehh fl-istess gurnata, kien dak ta' *heavy fuel oil* lill-bastiment CMA CGM Faust.

Il-Kaptan Joseph Gabriele (Dok. PD4 a fol. 72 tal-process), *Fleet Manager,* jikkonferma dan kollu u inoltre jispjega li fil-fehma tieghu ma setghax sehh il-bunkering ta' 108,000 litri ta' *fuel* bejn *Paradise Bay* u Rosnik fil-hin li Rosnik damet vicin tal-bastiment *Paradise Bay* ta' madwar hamsa u hamsin minuta, peress li operazzjoni bhal din kienet tehtieg aktar hin. Dan apparti li jishaq li r-records ta' trasferiment ta' *gas oil* u l-bilanc ta' *gas oil* prezenti fuq il-*Paradise Bay,* inkluz *surveys* maghmula minn terzi, mhumiex kompatibbli ma tali allegazzjoni. Jghid ukoll li fil-fehma tieghu, mir-rizultati tal-analizi tal-kampjuni elevati minn Saybolt, dawn ma kenux konklusivi li kienu l-istess, kif lanqas ma kienu konklussivi li kienu joriginaw mill-bastiment *Paradise Bay,* dan peress li l-*gas oil* provdut mit-tank numru 10 tal-Enemalta f'Has-Saptan, kien supplit u provdut lil diversi bastimenti ohra.

Ix-xhieda ta' Philip Borg, manager tal-Petroleum Division, jispjega li t-tankijiet f'Has-Saptan huma operati mill-Enemalta, li jikru t-tankijiet lill-operaturi taz-zejt, li jfisser li l-*fuel* go fihom mhux tal-Enemalta. Jikkonferma li l-*fuel* minn tank numru 10 ma giex provdut lill-barge Mistra Bay biss, izda jinbiegh lil dawk l-operaturi Maltin kollha awtorizzati mill-MRA li jaghmlu *bunkering.* Jispjega li dan it-tank partikolari jesa 14,500 tunnellata u li wara li l-operaturi li jitolbu li jinghataw il-fuel, jiddeterminaw l-uzu li jridu jaghmlu mill-fuel, jekk hux ghal shipping intern madwar il-portijiet, li tieghu irid jithallas id-dazju jew inkella jekk ikunx ghal skop ta' esportazzjoni. Jekk il-*gas oil* se jispicca fuq *barge* peress li jintuza ghal *bunkering* mill-vapuri ghal-lanec taghhom stess, mela dak ikun immarkat ahmar bis-*solvent yellow* 124 blended flimkien li jigi njettat ladarba ser jintuza fuq il-bahar. Jekk il-fuel ikun ser jintuza minn lanca li taghmel *cruises,* fis-

sens li ser jinhela lokalment, ikollu n-national marker ukoll, li tfisser li jkun thallas id-dazju. Mentri dak li jintuza fuq l-art ma jkollux fih il-kulur ahmar. Dan ifisser li l-kuluri jigu njettati waqt il-*loading,* skont l-uzu li jkun iddikjara l-operatur lokali li se jaghmel minnu, fil-presenza tal-ufficjali tad-dwana, li jindikawlhom il-kuluri li ghandhom jigu mizjuda, peress li l-Enemalta ma jkunux jafu ghal x'hiex ser jintuza l-*fuel* minn qabel. Ix-xhud jesebixxi lista (Dok. PB1 a fol. 75 tal-process) li tirraprezenta d-distribuzzjoni li saret mit-tank numru 10, lil diversi operaturi bejn id-29 ta' Dicembru, 2010 u l-11 ta' Jannar, 2011. Mill-istess lista ma jirrizultax jekk il-fuel li hareg kienx *duty free* jew *duty paid,* peress li dik l-informazzjoni jkollhom tad-dwana. Ix-xhud jikkonkludi billi jikkonferma li mill-istess lista jistghu jirrizultaw diversi vapuri li hadu fuel biex jintuza ghall-istess skop bhal *local shipping,* kif ukoll operaturi ohra li hadu l-fuel sabiex jintuza ghall-export, mhux fl-ibhra Maltin.

Rat l-affidavit ta' Emanuel Sammut, Kap tal-Investigazzjonijiet, fid-Dipartiment tad-Dwana li spjega li f'Awwissu 2010, id-Dipartiment tad-Dwana kien ircieva informazzjoni li l-lanca tas-sajd Rosnik kienet qeghda timporta *gas oil diesel* tal-kuntrabandu li kienet tixtri minghand lanec tas-sajd Libjani u Egizzjani, barra mill-ibhra territorjali ta' Malta u li d-Dipartiment kien beda jinvestiga din l-informazzjoni. Fil-11 ta' Jannar, 2011, il-lanca Rosnik talbet permess lill-Vessel Traffic Services (VTS) ma' Trasport Malta, sabiex taghmel *sea trial* peress li kellhom xi problema teknika, fl-*auto pilot,* liema permess inghata. Madankollu, f'hin minnhom, il-lanca Rosnik, kontra r-regolamenti, dahlet f'zona maghrufa bhala *bunker area* 4 (zewg mili nawtici boghod mill-ponta ta' Delimara) li kienet riservata ghal bunkering u dan minghajr permess u resqet fil-vicinanzi ta' vapur bunker bl-isem *Paradise Bay* u baqghet hemm ghal ftit anqas minn siegha. Il-lanca Rosnik ma kenitx awtorizzata li tghabbi *duty free gas oil* peress li ma kenitx ghamlet procedura ta' *clearance* mad-Dwana, jigifieri ma kenitx giet ipprezentata l-applikazzjoni maghrufa bhala *"Stores Authority"* mill-kaptan/sidien tal-lanca Rosnik sabiex tiehu kunsinna ta' *duty free gas oil.*

Dakinhar stess meta l-lanca Rosnik dahlet fil-Port il-Kbir, saret tfittxija fuq il-lanca Rosnik da parti tal-ufficcjali tad-dwana u tal-pulizija fejn ma rrizulta xejn. Meta mistoqsi x'kwantitajiet kellu ta' *gas oil*, Andrew Debono, li kien abbord il-lanca Rosnik, iddikjara li kellu l-ammont ta' 108,000 litru *gas oil* fit-tankijiet tal-lanca. L-ghada, 12 ta' Jannar, 2011, ufficjali tad-dwana kkonfermaw li kien hemm dawn il-kwantitajiet u hadu l-kampjuni tal-*gas oil* mil-lanca tas-sajd Rosnik. Meta Andrew Debono gie mistoqsi sabiex jipproduci l-fatturi relattivi u evidenza dokumentarja sabiex juri kif inxtara dan il-*gas oil,* dan baqa' ma pprezenta ebda rcevuta ta' minn fejn kien inxtara l-*gas oil.*

Min-naha l-ohra fit-12 ta' Jannar, 2011, ghall-habta ta' nofsinhar dahal fil-Port il-Kbir, *it-tanker Paradise Bay,* li kien sorgut fil-menqa tal-Marsa. L-ufficjali tad-Dwana telghu fuq dan it-tanker li elevaw minn

fuqu tmien kampjuni ta' *gas oil*. It-*tanker Paradise Bay* ghandu sbatax-il tank u dan igorr fuqu *duty free marine gas oil*, li jkollu mhallat mieghu *Fiscal marker Solvent yellow 124,* kif ukoll kulur ahmar biex jintgharaf u jindika li dan huwa *marine gas oil* li t-taxxa tas-Sisa u Vat ma tkunx thallset fuqu. Dan il-*gas oil* jintuza biss sabiex jissuplixxi bunkers lill-vapuri li jkunu awtorizzati mid-Dwana biex jiehdu dan id-*duty free gas oil* sabiex ikomplu l-vjagg taghhom lil hinn minn Malta. It-*tanker Paradise Bay* huwa awtorizzat mid-Dwana sabiex jahzen, igorr u jissuplixxi *bunkers duty free marine gas oil* u jitqies bhala *private warehouse* fejn il-*gas oil* ikun minghajr taxxa tas-Sisa u Vat u jkun taht sorveljanza tad-Dwana. It-*tanker Paradise Bay* ma kienx awtorizzat mid-Dwana biex jissuplixxi *duty free gas oil* lil-lanca tas-sajd Rosnik.

Meta c-*Chief Officer tat-tanker MT Paradise Bay* Tsintsadze Mamuka kien mistoqsi mill-ufficjali tad-Dwana jekk kienx intercetta jew trakka mal-lanca Rosnik, jew kien issuplixxa *bunker gas oil* lil Rosnik, fil-lejl tal-11 ta' Jannar, 2011, huwa kien cahad. Ghalhekk id-Dwana tat struzzjonijiet lill-Kaptan ta' *Paradise Bay* li t-tanker kien qieghed jigi mizmum mid-Dwana ghal aktar stharrig u li ma setax jitlaq mill-Port il-Kbir, sakemm isiru aktar investigazzjonijiet u analizi tal-kampjuni tal-*gas oil.* Ix-xhud jispjega li l-ufficjali ta' Trasport Malta, mis-sezzjoni tal-*Valletta Port Control* kienu rrekordjaw il-manuvri tal-lanca Rosnik u tat-*tanker Paradise Bay*, permezz tas-sistema VTS (*Vessel Tracking System)* fejn fil-fehma tieghu jidher car li z-zewg bastimenti kienu trakkati ma' xulxin ghal xi siegha *f'Bunker area* 4. Jesebixxi numru ta' dokumenti in sostenn ta' dak li jinghad minnu, kif ukoll dokument mahrug mill-Forzi Armati ta' Malta dwar il-moviment tat-Tanker Paradise Bay (esebiti bhala Dok. ES1 sa ES 4, a fol. 96 *et seq.* tal-process).

Il-kampjuni tal-*gas oil* li ttiehdu minn fuq il-lanca Rosnik, irrizultaw li kienu *duty free marine gas oil* peress li kien fihom l-*fiscal marker Solvent Yellow 124,* li d-Dwana tuza bhala indikatur, kif ukoll in-*National Marker* u *dye* ta' kulur ahmar li jindika li l-*gas oil* kien ghal uzu marittimu u li l-prodott huwa sdazjat. Dan fil-fehma tad-Dwana ifisser li l-kampjuni tad-diesel fl-ammont ta' 108,000 litru *gas oil* li kien jinsab abbord il-lanca Rosnik u dak abbord *it-tanker Paradise Bay* kienu kollha jaqblu u jiccita r-rizultanzi tal-verifiki li saru mill-analista tad-Dipartiment, kif ukoll dawk mill-kumpannija Saybolt. Fil-fehma ta' dan ix-xhud, huwa evidenti li mill-analizi tal-kampjuni li ttiehdu minn fuq iz-zewg bastimenti Rosnik u *Paradise Bay,* kienu identici u li fl-opinjoni tieghu jidher illi *duty free marine gas oil* inhatt minn fuq il-bastiment Paradise Bay gal fuq il-lanca Rosnik u dan bi ksur tal-Kap. 382 u tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-kampjuni li ttiehdu mil-lanca Rosnik u mit-tanker *Paradise Bay,* minn verifiki li saru mill-analista tad-Dwana, rrizulta li t-tnejn kellhom zewg *markers* fiskali, wiehed *solvent yellow 124*, li hu l-*Euro marker* u l-iehor huwa dak nazzjonali (ara x-xhieda ta' Bernardette Mallia tat-12

ta' Dicembru 2011 a fol. 115 et *seq.* tal-process), li ghandu ricetta partikolari aktar milli kulur wahdu u li bejniethom kienu vicini hafna f'dak li huwa *range* u koncentrazzjoni. Hekk ukoll saret analisi indipendenti mid-ditta Saybolt (ara x-xhieda ta' David Gauci tas-6 ta' Marzu, 2012, a fol. 127 *et seq.* tal-process fejn spjega li sar ezami komparattiv bejn il-kampjuni li wasal ghall-konkluzjoni li dawn kienu bunker fuels), ta' dawn il-kampjuni, li kienu ghal dak li ghandu x'jaqsam is-*sulphur content,* fil-parti l-kbira jaqblu.

Dan wassal sabiex l-ufficjali tad-Dwana hargu nota ta' qbid 15/2011 fil-konfront tal-bastiment *Paradise Bay* minhabba li jinghad li l-lanca tas-sajd Rosnik (din hija mertu ta' procedura ohra li jgibu referenza 180/2011, li wkoll qeghdin jigu decizi llum minn din l-istess Qorti) avvicinat lill-bastiment *Paradise Bay,* ghal madwar siegha u minghajr l-awtorizzazzjonijiet mehtiega sabiex tinghata *duty free fuel*. L-intimat isostni li dan sar bi ksur tal-artikolu 17(2) u (3) tal-Kap. 382, jigifieri li l-bastiment ntuza ghall-importazzjoni, zbark, twarrib, zamma, habi jew garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx thallas, li jwassal ghall-konfiska tal-istess bastiment. Ittiehdu l-passi sabiex jitressqu Andrew Debono li kien jinsab abbord ir-Rosnik (il-kaptan Egizzjan mar lura pajjizu), kif ukoll kontra l-kaptan ta' *Paradise Bay,* Anatoly Semanov*,* permezz ta' proceduri kriminali, li sa fejn jirrizulta, ghadhom pendenti (ara nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti a fol. 163 tal-process). L-allegazzjoni tal-intimat hija bbazata fuq zewg punti principali: (i) li r-rizultanzi tal-ezamijiet analitici, fejn gie konkluz li l-kampjuni ta' *gasoil* li ttiehdu miz-zewg bastimenti huma prattikament identici; u (ii) li z-zewg bastimenti in kwistjoni kienu qrib ta' xulxin ghal madwar siegha, bejn il-lejl tal-11 u t-12 ta' Jannar, 2011. Min-naha taghhom is-socjetajiet rikorrenti qeghdin jikkontesaw in-nota ta' qbid in kwistjoni permezz tal-proceduri odjerni (a tenur tal-artikolu 28(1) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta), in kwantu jichdu l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghhom. Jirrizulta wkoll li llum il-gurnata l-bastiment *Paradise Bay* jinsab rilaxxat kontra garanzija ta' €25,000.

Din il-Qorti rat ir-rapport tal-perit legali li permezz tieghu wara li kkonsidra l-provi prodotti, kkonkluda li fil-fehma tieghu l-Qorti ghandha tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara li ma kien hemm ebda ksur tar-regolamenti taht il-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta min-naha tal-bastiment *Paradise Bay* u/jew tas-socjetajiet rikorrenti, tiddikjara li l-qbid tal-bastiment *Paradise Bay* mill-intimat Direttur Generali (Dwana) kien infondat u konsegwentement tordna lid-Direttur Generali (Dwana) jirrifondi l-ammont ta' €25,000.

Il-perit legali wasal ghal din il-konkluzjoni a bazi tar-relazzjoni tal-perit tekniku li wara li evalwa fid-dettal il-provi teknici, inkluz il-fuel in kwistjoni, id-distanzi bejn il-bastimenti in kwistjoni, u l-hin li l-bastimenti kienu qrib xulxin matul il-lejl bejn il-11 u t-12 ta' Jannar, 2011, minkejja l-prossimita taghhom ghal madwar 56 minuta, id-distanza effettiva ma setghetx tigi affermata, in kwantu setghet kienet

ta' diversi metri. Konsegwentement ma setghax jinghad li l-bastimenti kienu biswit xulxin, kif mehtieg sabiex isehh il-*bunkering.* L-espert tekniku qies ukoll li l-hin li z-zewg bastimenti kienu qrib xulxin ma kienx sufficjenti sabiex isehh il-*bunkering* allegat. Hekk ukoll irrileva li mir-*recordings* tal-*Vessel Traffic Services* (VTS) kemm damu hdejn xulxin, ma rrizultat ebda komunikazzjoni bejn il-bastimenti in kwistjoni, kif lanqas ma rrizultat it-twissija lil-lanca Rosnik hekk kif din ghaddiet mill-Bunker Area 4. Ma jirrizultax anqas notament fil-*log book* ufficjali tal-*Paradise Bay* rigward il-presenza tal-lanca Rosnik fil-qrib taghha.

Inoltre, fir-rigward tal-*fuel,* l-espert tekniku jsostni li, mill-analizi kimika ghall-karatteristici tal-kampjuni provduti, kif ukoll dik tal-markers, jirrizulta li ghalkemm gejjin mill-istess provvista tal-prodott, izda mhux necessarjament tindika li *fuel* fil-lanca Rosnik kien gej mill-istess tank tal-*Paradise Bay.* Dana jinghad minnu peress li l-fornitura lokali tghaddi mill-istess sors, cioè mill-istess tank gestit mill-Enemalta. Mill-provi prodotti lanqas ma rrizultat xi diskrepanza fl-ammont ta' *gas oil* li kien hemm fuq il-bastiment *Paradise Bay* jew moviment ta' 108,000 litru kif allegat mill-intimat. Fuq is-sahha tar-rapport tekniku, l-perit legali qal li ma rrizultax li s-socjetajiet rikorrenti agixxew bi ksur tal-artikolu 17(2) u (3) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi li l-hrug tan-nota ta' qbid bin-numru 15/2011 u l-konfiska relattiva tal-ammont ta' flus in kwistjoni mhix gustifikata.

L-insenjament gurisprudenzjali f'materja ta' prova peritali, huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti mhijex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, *il giudizzio dell'arte* kif espress mill-perit tekniku m'ghandhux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi rragjonevoli. Kif inghad minn din il-Qorti, diversament preseduta fis-sentenza taghha tad-29 ta' Settembru, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina et vs Dione Bartolo et:**

> In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**
>
> Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; "Saliba vs** tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

> Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Filwaqt li din il-Qorti tabbraccja dawn l-insenjamenti, f'dan il-kuntest, din il-Qorti tqis tassew importanti l-eskussjoni li saret lill-espert tekniku (esebita in atti tal-process 180/2011 a fol. 447 *et seq.* ta' dak il-process). Filwaqt li kkonferma li qies ix-xhieda kollha migbura fl-atti ghall-fini tal-konsiderazzjonijiet teknici tieghu, rrizulta li dan l-espert qatt ma acceda fuq il-bastimenti in kwistjoni. Dan kien ikun mill-aktar rilevanti peress li, filwaqt li din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-bastiment *Paradise Bay* kien debitament mghammar bil-pajpijiet mehtiega, ladarba *bunkering* kien parti mill-attivitajiet normali mwettqa minnu, min-naha l-ohra ma jistax jinghad b'certezza jekk il-lanca Rosnik kenitx mghammra bil-pajpijiet mehtiega sabiex taghmel l-allegat *bunkering.* Kwindi l-istess espert ma kellux jaghmel il-presunzjoni li ladarba din kienet lanca tas-sajd, din ma kenitx mghammra ghall-*bunkering*, minghajr ma jaghmel il-verifiki opportuni, tenut kont tal-allegazzjonijiet illi saru. Tant hu hekk li l-istess espert ma eskludiex il-possibilità li kien ir-Rosnik li kien qieghed jitfa fil-*Paradise Bay* u mhux vice versa.

Inoltre l-espert telaq mill-premessa li l-*bunkering* kellu jsir skont certu regolamenti u normi ta' sigurta, izda mistoqsi direttament minn din il-Qorti jeskludix li setghet saret din l-operazzjoni, **huwa wiegeb li ma setghax jeskludi l-*bunkering* bhala haga impossibbli li saret.** Din l-istqarrija tal-espert hija ripetuta lejn l-ahhar tal-eskussjoni (seduta 6 ta' Lulju, 2017 a fol. 468 tal-process 180/2011) tieghu meta minkejja li kien hemm waqtiet li s-sinjal trasmess mir-Rosnik minn fuq l-*Automatic Identification System (AIS)* intilef, minhabba dak li t-teknici jsejjhu "*dead reckoning"* (ara Dok. KG - relazzjoni teknika a fol. 220 et *seq.* tal-process) li wassal ghal kuntrast bejn dak li titrasmetti dik is-sistema, komparat ma' dak li hija s-sistema ta' *Radar Tracking* bis-sistema tal-VTS, huwa xorta ma hassux kunfidenti li jeskludi li seta' sar *bunkering* bejn iz-zewg bastimenti.

Izda l-aktar kumment tal-espert tekniku in eskussjoni li hasseb lil din il-Qorti huwa meta dan stqarr illi l-provi teknici kkonfermaw li z-zewg bastimenti kienu qrib xulxin, izda ma tressqet ebda prova dwar kemm kienu ezattament qrib xulxin u jekk kenux qrib bizzejjed sabiex isir *bunkering,* **dan ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju**. Dan ifisser li l-kejl adoperat mill-espert ma kienx dak adoperat fil-kamp civili, izda dak adoperat fil-kamp kriminali.

Din il-Qorti fliet ix-xhieda moghtija mid-diversi persuni mressqa mill-kontendenti fil-kawza, dwar id-distanza effettiva bejn iz-zewg

bastimenti li huma ghal kwantu konfliggenti[1], senjatament jekk mill-VTS recordings jistax jinghad jekk iz-zewg bastimenti kenux biswit xulxin jew kienx hemm distanza bejniethom. Madankollu, meta din il-Qorti kompliet tistaqsi lill-espert mahtur minnha jekk fuq bazi ta' probabilita, kenux qrib xulxin tant li setgha sar il-*bunkering,* ir-risposta tieghu kienet fil-posittiv (ara xhieda in eskussjoni ta' Kurt Gutteridge tad-19 ta' Lulju, 2017, a fol. 481 tal-process 180/2011).

Min-naha l-ohra mill-eskussjoni tal-espert tekniku, jirrizulta wkoll li mil-logs u r-records dwar l-ammont ta' fuel prezenti fuq il-bastiment *Paradise Bay,* li kienu mressqa da parti tas-sidien tal-*Paradise Bay,* jirrizulta wkoll ippruvat li l-fuel li kien hemm fl-istess *Paradise Bay* kien jikkombacja perfettament mal-logs tal-bastiment, kif ukoll mir-rapporti jew surveys maghmula minn Saybolt, u kwindi l-possibilita li sar dan il-*bunkering* hija remota hafna. Ix-xhud jishaq li mic-cifri ipprezentati, ma sehh ebda *bunkering* bejn iz-zewg vapuri. Dana jinghad minnu peress li d-dokumenti esebiti mis-sidien tal-bastiment *Paradise Bay,* fl-atti ta' dawn il-proceduri, jikkonfermaw li l-*gas oil* fuq l-istess *Paradise Bay* la zdied u lanqas naqas b'mod klandestin fil-gurnata in kwistjoni. Din il-prova ma giet kontradetta bl-ebda provi kontrastanti da parti tal-intimat.

Kunsidrat dan kollu, filwaqt li l-espert tekniku fl-eskussjoni rritratta l-posizzjoni tieghu adottata fir-rapport redatt minnu, in kwantu l-vicinanza taz-zewg vapuri kienet indikattiva li seta' sar il-*bunkering* bejn iz-zewg bastimenti, min-naha l-ohra baqa' jsostni l-punt elenkat fir-rapport tieghu, cioe li:

e) Dokumentazzjoni ufficjali tal-Paradise Bay sostnut mill-verifiki indipendenti tal-bunker surveys ta' Saybolt ma jurux diskrepanzi jew movement fil-kariku ta' Gasoil ekwivalenti jew li jispjegaw trasferiment ta' 108,000 litru allegat.

In tema legali, dwar kunflitt ta' provi fil-kaz **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2003, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Gunju 2006, kien precizat:

> Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti

[1] Emmanuel Sammut fl-affidavit tieghu jsostni li mill-VTS kien jidher li iz-zewg bastimenti kienu trakkati ma' xulxin, kif ukoll is-Staff Sgt Major David Cioffi in rapprezentanza tal-Forzi Armati, li fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, esebita bhala Dok. AS16 a fol. 238 tal-process 180/2011 jghid li fuq l-AIS ra z-zewg bastimenti "*superimposed*", li fil-fehma tieghu kien ifisser li dawn kienu "*alongside each other*". L-istess jinghad minn Anthony Mangion supervisor tal-VTS waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2015, quddiem il-periti appuntati minn din il-Qorti. Filwaqt li x-xhieda tal-Kaptan David Bugeja f'Dok AD 10 a fol. 145 tal- process 180/2011, l-affidavit ta' Joe Gabriele f'Dok. PD 4 a fol. 72 tal-process, kif ukoll Dok. AS 24 a fol. 271 tal-process 180/2011 konsistenti fix-xhieda tal-espert tekniku Antoine Grima, mqabbad mill-Qorti tal-Magistrati fil-proceduri kriminali u r-rapport tieghu li fir-rigward tad-distanza bejn iz-zewg bastimenti wkoll ma kkomettiex ruhu u qal: "They could be touching and they could be a few metres away".

> f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;
>
> Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);

Tabilhaqq din il-Qorti taqbel mal-intimat illi meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi tal-kaz, f'dak li ghandha x'taqsam il-lanca Rosnik, li s-*sea trial* sehhet f'zona ta' *bunkering*, meta din l-arja ta' *bunkering* tirrizulta mic-*charts* tan-navigazzjoni u li wiehed ghandu jevita li jinnaviga minn go *bunkering area,* kif ukoll kunsidrat il-fatt li l-lanca Rosnik qattghet sitta u hamsin minuta f'din il-*bunkering area* tqanqal suspett ragonevoli. Dan meta wiehed iqis ukoll li *sea trials* normalment isiru f'bahar apert u s-sidien tar-Rosnik ma taw ebda raguni l-ghala il-lanca taghhom spiccat f'din l-arja, ghajr li l-kaptan kien qieghed ifittex post ghall-kenn sakemm jaghmlu *sea trial*. Izda dan fih innifsu mhux prova li sehh il-*bunkering* bejn *Paradise Bay u Rosnik.*

Hekk ukoll fil-kaz tal-analizi tal-*gas oil* minn fuq iz-zewg bastimenti, l-fatt li dawn kienu kwazi identici, seta' kien kemm ghar-raguni li dan kien gej minghand l-istess *supplier,* kif ukoll peress li sehh il-*bunkering* bejn iz-zewg vapuri, kwindi lanqas f'dan il-kaz ma jista' jinghad li l-espert tekniku wasal ghal xi konkluzjoni certa li l-*gas oil* fuq ir-Rosnik kien gej mill-*Paradise Bay*. Anzi r-rikorrenti ressqu xhieda u prova dokumentali (ara xhieda ta' Philip Borg u Dok. PB1 a fol. 75 tal-process) li kien hemm operaturi ohra li kellhom a disposizzjoni taghhom *gas oil* li kien provdut mit-tank numru 10 tal-Enemalta f'Has-Saptan fl-istess zmien in kwistjoni, li setghu facilment kellhom uzu simili ghall-fuel in kwistjoni u cioe li jintuza fuq il-bahar u li konsegwentement ikun immarkat bl-istess tip ta' markers.

Il-fatt li fil-kaz tal-lanca Rosnik, ma gew ipprezentati ebda fatturi jew ircevuti da parti tas-sidien taghha fir-rigward tal-*gas oil* sdazjat li nstab fuq ir-Rosnik ma ghenx fil-kaz tar-Rosnik, izda ma jistax jinghad l-istess fil-kaz tal-bastiment *Paradise Bay*. Din il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li f'dan il-kaz, ir-records dettaljati ta' *Paradise Bay* dwar il-moviment tal-fuel taghha, u aktar minn hekk, il-fatt li dan jinsab ikkonfermat minn survey indipendenti tad-ditta Saybolt (liema ditta intuzat ukoll mill-istess intimat ghall-analizi tal-kampjuni), kif ukoll il-fatt li fil-fehma tal-espert tekniku, ma kienx hemm bizzejjed hin li fih iz-zewg bastimenti kienu qrib xulxin, sabiex isehh il-*bunkering* allegat

mill-intimat, li ma jsostnux it-tezi tal-intimat dwar il-moviment ta' ammont sostanzjali ta' 108,000 litru *gas oil* sdazjat li nstab fuq ir-Rosnik, ma tqisx li jezistu l-provi mehtiega li jippruvaw li fuq bazi ta' probabbiltà sehh il-*bunkering* bejn iz-zewg bastimenti jew li fil-kaz tal-bastiment *Paradise Bay* agixxa bi ksur tal-ligijiet tad-Dwana. Huwa opportun li f'dan l-istadju jigi mfakkar illi l-proceduri in ezami gew skattati permezz tan-nota ta' qbid, li fiha hemm elenkati l-provvedimenti tal-ligi li a bazi taghhom saret il-konfiska. Ma jirrizultax li l-bastiment *Paradise Bay* kien fil-pussess ta' *gas oil* sdazjat ta' Sisa minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega mid-Dipartiment tad-Dwana. Anzi mix-xhieda ta' Emanuel Sammut, jirrizulta l-bastiment *Paradise Bay* kellu l-awtorizzazzjoni tad-Dwana biex jiehu, jahzen, igorr u jissuplixxi *duty free gas oil* lill-vapuri jew bastimenti ohra li jkunu ntitolati ghalih.

Fil-kaz in ezami, qieghed jintalab ir-rilaxx tas-somma ta' €25,000, li gew depozitati minflok il-bastiment *Paradise Bay*. Jirrizulta li r-rikorrenti ressqu l-provi li kellhom permess ghall-fuel sdazjat fil-pussess taghhom, da parti tad-Dipartiment tad-Dwana, kif ukoll tressqu l-provi mehtiega dwar l-origini tieghu. Inoltrè r-rikorrenti esebew l-*logs* tal-bastiment u surveys indipendenti li jikkonfermaw li l-*gas oil* fuq l-istess *Paradise Bay* la zdied u lanqas naqas b'mod klandestin fil-11 ta' Jannar, 2011, prova kardinali li tikkonvinci lil din il-Qorti li l-bastiment *Paradise Bay*, kien qieghed jopera ai termini tal-provvedimenti tal-ligi tad-dwana.

Fid-dawl tar-rizultanzi tal-provi in atti, jsegwi li l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku u dak legali huma meqjusa ragonevoli, limitatament sa fejn jikkoncernaw lill-bastiment *Paradise Bay.*

Fis-sentenza tat-12 ta` Marzu, 2013, din il-Qorti kif preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur Tad-Dwana,** ghamlet riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Priscilla Cassar et vs Kontrollur tad-Dwana** fid-29 ta' Jannar 2010, fejn inghad:

> Dak li trid tara l-Qorti f`dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbili u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu lura l-hwejjeg hekk ikkonfiskati." Inoltre fl-imsemmija sentenza nsibu li "ld-dmir tal-Qorti f`dawn ic-cirkostanzi **hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota` ta` Qbid mahruga mill-intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat.**

Kuntrarjament ghal dak li rrizulta fil-kaz 180/2011, li qieghed jigi deciz illum ukoll, f'dan il-kaz, ghalkemm in-nota ta' qbid 15/2011, da parti tal-intimat inharget a bazi tal-artikolu 17(2) u (3) tal-Kap. 382, jirrizulta lil din il-Qorti, li ghalkemm il-bastiment *Paradise Bay*, intuza ghall-garr,

u kien uzat ghall-importazzjoni, l-izbark, it-twarrib, iz-zamma, ta' fuel sdazjat, dan kellu l-awtorizzazzjonijiet kollha mehtiega. Kunsidrat ukoll li r-rendikont dettaljat li nghata tal-fuel kollu li dahal u hareg minn fuq il-bastiment *Paradise Bay,* ma giex ippruvat fuq bazi ta' probabilita, li sar trasferiment ta' fuel sdazjat mill-*Paradise Bay* lil-lanca tas-sajd Rosnik jew vice versa u ghalhekk ir-rikorrenti fil-fehma ta' din il-Qorti, rnexxielhom jressqu l-provi mehtiega sabiex ixejnu dak li gie allegat fin-nota ta' qbid 15/2011.

Ir-rikorrenti kellhom il-jedd li jikkontestaw in-nota ta' qbid, u meta din il-Qorti tapplika l-ligi sostantiva ghall-fatti tal-kaz quddiemha (ara f'dan is-sens ukoll sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta tat-13 ta' Novembru, 2015, fl-ismijiet **Joseph Farrugia vs Kontrollur tad-Dwana)**, ssib li r-rikorrenti sehhilhom jipprovaw sal-grad mehtieg li effettivament ma kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet tal-ligi nvokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jezistu ragunijiet validi sabiex l-intimat jirtira n-nota ta' qbid 15/2011 u jirrifondi l-flus depozitati mir-rikorrenti.

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

"joghgobha thassar u tirrevoka *in toto* d-decizjoni appellate tal-15 ta' novembru, 2017 fl-ismijiet premessi u tilqa l-aggravji imressqa mill-appellant fir-Rikors t'Appell odjern billi tichad it-talbiet kollha tal-kumpanniji appellati; bl-ispejjez kontrihom."

6. Rat ir-risposta tas-socjetajiet atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu:

"illi l-appell jigi rigettat bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellant u li s-sentenza appellata tal-Prim' Awla tal-15 ta' Novembru 2017 tigi konfermata fid-decizjoni ahharija taghha."

7. Rat ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetajiet atturi li tressqet quddiem din il-Qorti.

8. Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

9. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

10. Illi jirrizulta li f'din il-kawza l-konvenut kien ssekwestra l-vapur "Paradise Bay", proprjeta` tal-atturi, peress illi allegatament dina fil-11 ta' Jannar, 2011, kienet qed taghmel attivita` llegali. Fl-imsemmi incident qed jinghad li gie trasferit *gasoil* sdazjat bejn dan il-vapur u l-bastiment "Rosnik" li kien irmiggjat magenbu minghajr ebda awtorizzazzjoni kemm mid-Dwana kif ukoll l-awtoritajiet marittimi, u dan skont il-konvenut irrizulta f'caqliq klandestin ta' *gasoil* sdazjat li hu prodott kontrollat u soggett ghad-dazju tas-SISA. Il-bastiment "Paradise Bay" seta' jgorr *gasoil* ezentat mid-dazju, izda l-vapur l-iehor ma setax. Ghalhekk, hu allegat li dan sar bi ksur tal-provvedimenti doganali skont l-Artikolu 34(a) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar id-Dazju tas-SISA), li jistipula li kellha ssir talba bil-miktub *ad hoc* fuq il-formola maghrufa bhala *Stores Authority (STA 1)* u *Statement to the Customs Authority (SCA 1)* lid-Dwana kemm mill-bastiment "Paradise Bay" kif ukoll mill-bastiment "Rosnik" biex isir xi trasferiment ta' *gasoil* sdazjat u/jew *gasoil* bid-dazju mhallas.

11. B'rizultat ta' din l-attivita` gew sekwestrati z-zewg vapuri, bil-kaz ta' "Rosnik" ikun il-meritu ta' kawza ohra (Rikors nru. 180/11). Ghal dak li

jikkoncerna din il-kawza, is-sidien tal-vapur “Paradise Bay” jichdu li huma ttrasferew il-*gasoil* ghal gol-vapur l-iehor u ressqu provi biex isostnu t-tezi taghhom.

12. L-ewwel Qorti accettat it-tezi attrici u kkonkludiet li ma giex ppruvat li sar trasferiment ta’ *gasoil* minn vapur ghall-iehor, u, ghalhekk, ordnat ir-rilaxx tal-garanzija ta’ €25,000 li l-atturi kienu ddepozitaw mal-konvenut biex setghu jiehdu lura l-pussess tal-vapur “Paradise Bay”.

13. Il-konvenut appella mis-sentenza u qed jinsisti li mill-atti jirrizultaw indizji cari li sar it-trasferiment lamentat.

14. Trattat l-appell din il-Qorti tara li da parti tal-konvenut tressqu dawn ic-cirkostanzi biex juru li sar dan it-trasferiment.

(i) iz-zewg vapuri kienu magenb xulxin gewwa *bunkering area* ghall-madwar siegha;

(ii) meta sar paragun fuq kampjuni ta’ zejt li ttiehed miz-zewg vapuri, dawn kienu jixxiebhu;

(iii) sid il-vapur “Rosnik” ma tax spjegazzjoni cara minn fejn hu xtara z-zejt li nstab fil-vapur.

15. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dawn huma indizji li jistghu juru li bejn iz-zewg vapuri sar “xi haga”, izda ghalkemm hawn mhux qeghdin fil-kamp kriminali fejn hu mehtieg prova minghajr dubju ragjonevoli, izda hu bizzejjed prova fuq bilanc ta’ probabbilta`, ma jirrizultax car li sar trasferiment illegali. Sfortunatament, ghal tul il-kwazi siegha li l-vapuri damu hdejn xulxin, id-Dwana ma baghtitx ufficjali taghha biex jaraw x’kien qed isir, u l-prova taghha baqghet cirkostanzjali.

16. L-atturi ressqu provi li fil-fatt ma sarx trasferiment ta’ *gasoil* ghall-fuq il-vapur “Rosnik”. Ix-xhieda li kienu fuq il-vapur “Paradise Bay” xehdu li apparti li ssuplixxu *bunkers* lill-vapur CMA CGM “Faust”, kif kienu awtorizzati li jaghmlu, ma ghamlu ebda trasferiment ta’ zejt lill-vapur iehor. Tressaq ukoll rapport tal-kumpanija Saybolt, *surveyors* indipendenti, li wera li miz-zejt li kellha abbord il-vapur, apparti dak li nghata lill-vapur “Faust”, il-bqija baqa’ fit-tankijiet ta’ “Paradise Bay”, jew gie utilizzati ghall-iskopijiet tal-istess vapur. Gewipprezentati dokumenti u parti mil-*log* tal-vapur li jevidenza dan.

17. Fir-rigward tal-indizji li ressaq il-konvenut, dawn gew ribattuti mill-atturi, anke bl-ghajnuna ta’ relazzjoni ta’ perizja teknika li saret mill-Inginier Kurt Gutteridge, mahtur mill-ewwel Qorti biex jassistiha fl-indagini taghha. Dwar l-ewwel punt, li z-zewg vapuri kienu magenb xulxin, dan irrelata illi “*sabiex setghet isir l-allegata operazzjoni ta’ bunkering kien*

*mehtieg illi z-zewg bastimenti jigu magenb xulxin b'separazzjoni bejniethom ta' madwar zewg metri biss, distanza li tirrapprezenta d-dijametru ta' fenders*." Izda f'dan il-kaz, mill-provi li kellu, qal "*li ma jistax jghid b'mod cert li l-bastimenti kienu magenb xulxin f'prossimita` ta' madwar zewg metri".* Hu jghid li "setghu" kienu vicin xulxin, pero` ma setax jghid bl-ezatt x'kienet id-distanza.

18. Anke r-rapprezentant tal-Forzi Armati, l-istaff Surgent Major David Cioffi, li ezamina r-records li kellha d-Dwana xehed illi "*I cannot define the distance between the vessels*", ghalkemm kienu jidhru vicin xulxin. Anke l-Kaptan David Bugeja, *Director Chief Office Parts and Yachting Directorate*, meta xehed fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra Andrew Debono (sid il-vapur "Rosnik"), liema xhieda gietipprezentata f'dawn l-atti, ma kienx cert dwar id-distanza ta' bejn il-vapuri. Hu xehed hekk:

> "*Physically* huwa difficli li tghid jekk kinux ma xulxin ezatt. Inti ghandek *equipment* li qed juri *targets* vicin xulxin, qed tarahom b'*equipment* elettroniku u jista' jkun hemm element ta' distanza li tista' tivverifika biss jekk tkun *physical*. Anke fil-*close up* elettroniku ma jivverifikax li dawk il-posizzjonijiet huma ezattament hemm hekk. Mhux ser tkun boghod imma hemm certu elementi li ghandek *variation. There is a margin of error*. Dwar il-kaz in kwistjoni, iz-zewg punti setghu kienu vicin xulxin, pero`, mhux necessarjament imissu. Setghu kienu vicin hafna ta' xulxin. Kollox ghandu jigi inkwadra fir-relattivita` ghax anke vapur innifsu huwa kbir".

Jidher car li dan ix-xhud kien ferm incert mid-distanza bejn iz-zewg vapuri dakinhar li sehh l-allegat incident.

19. Waqt il-proceduri kriminali msemmija, xehed ukoll certu Antoine Grima, espert mahtur minn dik il-Qorti, li qal li ma ghandhomx l-apparat biex jitkejjel id-distanza bejn iz-zewg vapuri u qal li dawn kienu "*close but you cannot tell the distance*". Dan kollu jwassal ghall-fatt li l-konvenut ma ppruvax li z-zewg vapuri kienu tal-anqas zewg metri 'l boghod minn xulxin, distanza li skont il-perit tekniku huwa mehtieg biex jista' jsehh *bunkering*.

20. Il-Kaptan Joe Gabriele li dak iz-zmien kien impjegat bhala *Fleet Manager* mas-socjeta` "Tankship Management Ltd", li kienet is-socjeta` responsabbli ghall-immaniggjar tal-bastiment "Paradise Bay", xehed ukoll illi z-zmien ta' bejn 50-55 minuta kemm damu l-vapuri fil-vicinanzi ta' xulxin, ma kienx bizzejjed. Huwa qal:

> "*Therefore from the above calculations it can be seen that there was insufficient time for the alleged volume of gasoil to be transferred. Furthermore, it must also be stated that such a high transfer rate would have probably been impossible to achieve as it would far exceed the maximum rate of the Rosmik due to the limited size of her bunker manifold. Furthermore, such a high transfer rate would have been unlikely without rupturing the fuel tanks of the Rosmik as a result of insufficient venting capacity".*

Din ix-xhieda ma gietx kkontradetta b'xi prova kontrarja.

21. Ghalhekk, l-ewwel cirkostanza li fuqha l-konvenut jibni l-kaz tieghu, ma hijiex sostnuta mill-provi u, fil-verita`, ma tistax toqghod fuqha.

22. Dwar it-tieni punt, li l-*gasoil* fiz-zewg vapuri kienu jixtiebhu, jirrizulta li dawn kienu simili, u setghu gew mill-istess sors, izda mhux necessarjament mill-istess tank. L-imsemmi Kaptan Gabriele xehed li kien hemm "*a distinct difference in three out of eight physical properties (38%) of the gasoil samples analysed*". Ta' aktar rilevanza hija r-relazzjoni tal-espert tekniku li qal li l-kampjuni prelevati miz-zewg bastimenti "*huma simili hafna fejn jigu karatteristici fizici, izda madankollu wiehed ma jistax jikkonkludi illi dawn originaw mill-istess tank, cioe`, mill-hazna tal-bastiment "Paradise Bay".* Hu spjega li l-industrija tal-*bunkers* lokali jinqdew mill-facilita` ta' hazna gestita mill-Enemalta (illum Enemed), u allura ghandu jistenna illi kwalunkwe forniment mill-istess kunsinna tipprezenta karatteristici fizici simili hafna.

23. Din it-tieni cirkostanza tal-konvenut, hija wkoll mhux pruvata.

24. Dwar il-fatt li sid il-vapur "Rosnik" ma tax spjegazzjoni minn fejn xtara z-zejt li kellu abbord, dan mhux daqshekk rilevanti ghall-fini ta' <u>din</u> il-kawza. Kif inghad hemm proceduri differenti kontra Andrew Debono, sid il-vapurt "Rosnik", u huma f'dawk il-proceduri li l-operat ta' dan irid jigi mistharreg. Ghall-fini ta' din il-kawza, pero` anke jekk dan Debono akkwista l-*gasoil* tieghu llegalment, dan bl-ebda mod ma jfisser li z-zejt inghata lilu mill-hazna tal-vapur "Paradise Bay".

25. Ma jidhirx, ghalhekk, li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, u kollox ma' kollox din il-Qorti tikkonferma dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, u cioe`, li ma hemmx provi sufficjenti li l-vapur "Paradise Bay" kien involut fi tranzazzjoni illegali. Ma kien hemm ebda riduzzjoni fl-ammont ta' *gasoil* li kien qed jingarr mill-"Paradise Bay" f'dak il-perjodu, hlief ammont li gie trasferit internament ghall-uzu tal-bastiment stess u ghall-finijiet ta' *cargo blending*. Il-fatt li, forsi seta' sehh xi trasferiment ta' *gasoil*, mhux bizzejjed, anke fil-kamp civili, biex tintefa xi responsabbilta`. Mhux bizzejjed li jintwera li kien "possibbli" li sehh it-trasferiment, imma li kien "probabbli" li sehh dak allegat. F'dan il-kaz, hemm dubju dwar kemm anke kien possibbli li sehh it-trasferiment, u l-provi li ressaq il-konvenut m'humiex tali li jistghu jikkonvincu lill-Qorti li x'aktarx sehhet l-illegalita` li wasslet ghall-hrug ta' nota ta' qbid tal-bastiment "Paradise Bay".

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr